TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 44/18/F

**Raymond u Doris Galea**

**vs**

**Power Plus Ltd.**

Illum 9 t'Ottubru, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Marzu, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erba' mija, u ħamsa u ħamsin ewro, u tlieta u sebgħin ċenteżmi (€455.73), rappreżentanti l-prezz ta' pannelli li ma kinux qed jaħdmu tajjeb.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw il-pannelli mingħand is-soċjeta' ntimata u wara xahrejn li ġew installati, dawn ma bdewx jiffunzjonaw tajjeb.

L-intimat issottometta illi hu bagħat lill-Inġinier sabiex jirranġa u jissettja l-pannelli, li skont l-intimat is-sistema qed taħdem tajjeb illum.

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti ssottomettew illi l-pannelli għamlu żmien fejn ma kinux qed jaħdmu tajjeb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888